MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2008

Numru. 259/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Neil Harrison**
**Spettur Norbert Ciappara**

**vs**

**Omissis**
**Omissis**
**Ruben Scicluna**
**Carmel Cassar**
**Mark Cassar**

Il-Qorti:

Rat li l-imputati Ruben Scicluna iben Francis u Pasqualina nee` Scicluna, imwieled Attard fl-10 ta` Dicembru, 1971 u residenti ‘Franz’, Triq Wied il-Ghajn, Zabbar u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 36172 (M) u Carmel Cassar,

iben Nazzareno u Mary nee` Muscat, imwieled Qormi fis-16 ta` Frar, 1957 u residenti 52, Triq is-Sienja, Kalkara u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 184657 (M) u Mark Cassar iben Carmelo u Josephine nee` Ciantar, imwieled San Giljan fit-23 ta` Mejju, 1980 u residenti 52, Triq is-Sienja Kalkara u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 0296680 (M) gew imressqa quddiemha akkuzati talli:-

Talli f`dawn il-Gzejjer fit-23 ta` April, 2001, u fl-ahhar granet qabel din id-data:-

a) Assocjaw ruhhom ma` xi persuna jew persuni ohra f`dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibieghu jew jittraffikaw medicina (kokajina) f`dawn il-Gzejjer kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta, jew li jippromovu, jikkostitwixxu, jorganizzaw jew jiffinanzjaw l-assocjazzjoni.

b) Importaw, jew gieghlu li tigi importata jew ghamlu xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f`Malta, hlief skond id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101, tal-Ligijiet ta` Malta.

c) Kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta, meta ma kienux fil-pussess ta` awtorizazzjoni ghall-importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienux bil-licenzja jew xort`ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew li jfornu d-droga msemmija u ma kienux b`xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta` Malta li jkollhom fil-pussess taghhom din id-droga, u naqsu li jipprovaw li d-droga msemmija giet fornuta lilhom ghall-uzu taghhom skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta` Malta, *liema droga nstabet f`tali cirkostanzi li juru li ma kienux ghall-uzu esklussiv taghhom.*

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tissekwestra f`idejn terzi persuni b`mod generali l-flejjes u l-propjeta` mobbli jew imobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lill-akkuzati jew huma proprjeta` taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzati milli jittrasferixxu jew xort`ohra jiddisponu minn xi proprjeta` mobbli jew imobbli.

Il-Qorti kienet ukoll mitluba sabiex tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x`jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta` Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (esebit a fol. 5,6 u 7 tal-process) datat 24 ta April 2001 mahrug bis-sahha tal-Artikolu 22(1) tal-Kap. 101 fejn huwa ordna li t-tlett imputati Ruben Scicluna, Carmel Cassar u Mark Cassar jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali sabiex iwiegbu ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom.

Rat il-kont-ordni tal-Avukat Generali (esebiti a fol. 1194, 1195 u 1196 tal-process) datat 10 ta' Mejju 2002 mahrug bis-sahha tal-Artikolu 120A (2) (c) tal-Kap. 31 kif ukoll bis-sahha tal-Artikolu 31 tal-Kap. 101 fejn huwa ordna li l-kaz tat-tlett imputati odjerni jigi maqtugh u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghat il-provi.

Rat l-atti kollha processwali u d-dokumenti esebiti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali u responsivi prezentati mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kronologija tal-fatti rigwardanti dan il-kaz hija s-segwenti. Fis-26 ta' Marzu 2001 kienet waslet informazzjoni ghand il-Pulizija (ara xhieda tas-Supretendent Neil Harrison a fol. 197 sa 233 tal-process) li x'aktarx kien wasal Malta permezz tal-Posta pakkett li seta' kien fih id-droga. Effettivament dan il-pakkett gie

rintraccat l-ghada filghodu gewwa l-fergha tal-Maltapost tal-Hamrun. Dan il-pakket kien intbaghat mill-Canada fl-20 ta' Marzu 2001 u kien indirizzat lil certu Joseph Portelli f'indirizz il-Marsa (2, Clan Stabel Lane, Racecourse Street, Marsa). Gie infurmat il-Magistrat Inkwirenti li awtorizza lil Pulizjia sabiex tkompli bl-indagni taghha permezz ta' konsenja kontrollata ai termini tal-Artikolu 30 B tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, intant il-pakkett baqa' jinzamm taht is-sorveljanza tal-Pulizja b'kollaborazzjoni tal-ufficjali tal-Maltapost. Dejjem taht is-sorveljanza u supervizjoni tal-Pulizija tqassmu l-avvizi fl-indirizz indikat fuq il-pakkett sabiex dan il-pakkett jingabar. Minn investigazzjoni ulterjuri li ghamlet il-Pulizjia rrizulta li l-persuna lil min kien indirizzat il-pakkett ma kellha ebda konnessjoni mal-indirizz li kien 2, Clan Stabel Lane, Racecourse Street, Marsa. Dan il-post irrizulta li kien propjeta' ta' certu Simon Xuereb u ta' missieru u l-pulizija kompliet tiffoka l-investigazjonijiet taghha fuq dan Simon Xuereb u fuq persuna ohra bl-isem ta' Norman Bezzina li kien ikun hafna mal-imsemmi Simon Xuereb u li kien ghamel xi zmien jghix il-Canada. Sadanittant il-Pulljizija kompliet tissorvelja l-pakkett li kien fil-fergha tal-Maltapost u dan ghamlitu bil-prezenza kontinwa ta' PC 1301 li kien ikun prezenti fil-fergha tal-Maltapost liebes l-uniformi ta' pustier u dan sabiex ma jattirax l-attenzjoni. Peress li l-pakkett dam ma ngabar minn xi hadd il-Magistrat Inkwirenti ordna lil Pulizija sabiex jaghmlu kopja kemm jista' jkun identika tal-pakkett, liema kopja kienet qed tithalla fil-fergha tal-Maltapost filwaqt li l-pakkett originali kien qed jinzamm ghand l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti, u cioe' l-Ispizjar Mario Mifsud, u mill-Pulizija.

Mil-provi rrizulta li l-pakkett li kien hemm fil-fergha tal-Maltapost fil-fatt ingabar fit-23 ta' April 2001 mill-akkuzat Ruben Scicluna li kien impjegat mal-Maltapost bhala *driver*. Irrizulta wkoll li Ruben Scicluna mar fil-fergha tal-Hamrun, fejn kien imur ghall-anqas darbtejn f'gurnata sabiex jigbor jew iqasam ix-xoghol, u wara li dahal mill-bieb ta' wara u gabar ix-xoghol, dar, dahal mill-entratura ta' quddiem u gabar il-pakkett in kwistjoni. Dan gie mwaqqaf u arrestat mill-Pulizjia u huwa ghazel li jikkollabora mal-Pulizija u wara li nfurmahom li huwa kien

intalab jigbor dan il-pakkett mill-imputat l-iehor Carmel Cassar u fil-fatt ghaddilhom il-*business card* tal-istess Carmel Cassar,huwa cempel lil dan tal-ahhar fil-prezenza tal-Pulizija u wara li nfurmah li l-pakkett kien f'idejh Carmel Cassar qallu sabiex jiltaqa' ma ibnu Mark, cioe' l-imputat l-iehor f'din il-kawza, u dan fil-parkegg tal-airport l-antik gewwa Hal-Luqa sabiex jghaddilu l-pakkett. Effettivament Ruben Scicluna mar bil-vann tal-Maltapost fil-post miftiehem (fil-vann kien hemm mohbija zewg membri tal-korp tal-Pulizija) u kkonsenja l-pakkett lil Mark Cassar li kien akkompanjat minn huh Jonathan Cassar. Mark Cassar hallas Lm20 lil Ruben Scicluna u mbaghad huwa mar f'post iehor fl-imsemmi parkegg fejn kien hemm certu Antonio Gatt (li kien ukoll l-akkuzat f'dawn il-proceduri u li fil-konfronti tieghu inhareg Att ta' Akkuza u hemm proceduri pendenti quddiem il-Qorti Kriminali) fejn ghaddielu l-pakkett. Ftit tal-hin wara gew arrestati Mark u Jonathan Cassar, Antonio Gatt u sussegwentement gie arrestat ukoll l-imputat l-iehor Carmel Cassar.

Fil-granet sussegwenti kienu arrestati wkoll Simon Xuereb, Norman Bezzina, Emanuel Gauci, u Lawrence Gatt li lkoll tressqu l-Qorti akkuzati bl-akkuzi odjerni (Lawrence Gatt u Antonio Gatt) u rigwardanti l-fatti appena elenkati u fatti ohra (fil-kaz tal-persuni l-ohra msemmija). Fil-kaz ta' Antonio u Lawrence Gatt inhareg l-Att ta' Akkuza u l-proceduri ghadhom pendenti kif ghadhom pendenti l-proceduri fil-konfronti tal-persuni l-ohra msemmija f'dan il-paragrafu.

It-tlett imputati lkoll ghazlu li jixhdu f'dawn il-proceduri u lkoll irrilaxxjaw stqarrijiet lil Pulizija a tempo vergine. L-akkuzat Ruben Scicluna fil-fatt irrilaxxja zewg stqarrijiet lil Pulizija (esebiti a fol. 276 sa 278 u 282 s 283) fejn huwa spjega kif kien gie avvicinat minn Carmel Cassar fejn dan talbu sabiex jaghmillu pjacir u jirtiralu pakkett mill-fergha tal-Maltapost tal-Hamrun u qal li dan kien ghaddilu l-avviz sabiex jingabar il-pakkett. Huwa spjega li kien jaf lil Cassar ghaliex kellu xi hadd jigi minnu jahdem ma Cassar fil-passat. Huwa qal ukoll illi ma gabarx il-pakkett mill-ewwel ghaliex kellu jumejn leave. Ruben Scicluna stqarr ukoll li Carmel Cassar kien qallu li kien ikun ahjar jekk il-

pakkett ma jinfetahx u ghalhekk huwa ssuspetta li seta' kien hemm xi evazjoni ta' dazju nvoluta (fuq il-pakkett kien hemm dikjarat li kien hemm spare parts). Huwa qal ukoll li kien irtira l-pakkett fit-23 ta' April 2001 u dejjem cahad li kien gie offrut Lm50 sabiex dawn jinghataw lil persuna li tkun ser tirrilaxxja l-pakkett sabiex dan ma jinfetahx. Ruben Scicluna xehed fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2003 (deposizjoni relattiva a fol. 1232 sa 1239 tal-process) fejn huwa rribadixxa dak illi kien qal fl-istqarriji rilaxxjati lil Pulizija u stqarr li huwa assolutament ma kienx jaf li l-pakkettt li gabar mill-fergha tal-Maltapost tal-Hamrun kien fih jew seta' kien fih id-droga.

Carmel Cassar ukoll kien irrilaxxja stqarrija lil Pulizjia (esebita a fol. 255 sa 257) fejn stqarr li huwa kien gie avvicinat minn Antonio Gatt li kien jafu ghalliex dan kien jahdem bhala *security driver* il-Freeport fejn id-ditta ta' Cassar kienet taghmel hafna xoghol fuq inkarigu tal-istess Freeport, u dan kien talbu sabiex johroglu pakkett mill-fergha tal-Maltapost tal-Hamrun. Cassar spjega li huwa kien baghat lit-tifel tieghu Mark sabiex jigbor l-avviz minghand Gatt u qal li peress li kien imhabbat hafna dam xi tlett ijiem minghajr ma gabar il-pakkett u spjega li Antonio Gatt cempillu diversi drabi tul dawn it-tlett ijiem u huwa accertah li kien ser jaqdih. Carmel Cassar spjega li huwa kien ghaddej minn hdejn il-Lourdes Petrol Station, Haz-Zabbar fejn kien jaf li l-imptuat l-iehor Ruben Scicluna kien jahdem part-time u kien talbu sabiex jaghmillu pjacir u jigborlu pakkett mill-fergha tal-Maltapost tal-Hamrun u kien ghaddielu l-avviz relattiv. Cassar cahad li kien jaf li l-pakket kien fih id-droga ghalkemm stqarr li ssuspetta li seta' kien hemm xi haga mhux regolari meta Antonio Gatt offrielu li jhallas Lm50 lil persuna li tohrog il-pakkett anki ghaliex il-valur tal-ispare parts li kien hemm dikjarat fuq il-pakkett kien baxx. Huwa qal ukol li Anthonio Gatt kien qallu li l-pakkett ma kellux jinfetah mill-haddiema tal-Posta u dan gieghlu jahseb li fil-pakkett seta' kien hemm xi affarijiet mhux dikjarati. Carmel Cassar stqarr ukoll li huwa kien ghadda l-messagg li jekk jista' jkun il-pakkett ma kellux jinfetah anki lil Ruben Scicluna meta ghaddielu l-avviz. Carmel Cassar xehed fis-seduti tat-3 ta' Dicembru 2003 u 19 ta' Frar 2004 (deposizzjoni relattivi a fol. 1242

sa 1251 u 1253 s 1259) fejn wara li spjega li huwa jaghmel ix-xoghol ta’ burdnar, ikkonferma li l-avviz sabiex jingabar il-pakkett kien inghata lilu minn Antonio Gatt fis-17 ta’ April 2001 u li huwa kien ghaddih xi jiem wara lil Ruben Scicluna sabiex jingabar. Huwa spjega wkoll li f’dawk il-granet kien imhabbat hafna ghaliex kelu zewg haddiema neqsin u kien wasallu Malta makkinarju gdid minn New Zealand li kien nefaq hafna flus ghalih u f’dawk il-jiem kien hawn l-engineer mid-ditta minn New Zealand sabiex jurih kif jintrama dan il-makkinarju. Huwa qal li minhabba dawn ir-ragunijiet kien imhabbat hafna u kien waqa’ lura fix-xoghol u kien ghal din ir-raguni li huwa kien talab lil Ruben Scicluna, li kien jafu ghaliex dan tal-ahhar kellu kuginuh jahdem mieghu, sabiex jigborlu l-pakkett mill-Maltapost u dan ghaliex kien jaf li Scicluna kien jahdem bhala driver il-Maltapost. Carmel Cassar spjega li fil-kors tax-xoghol tieghu huwa kien ta’ sikwit jigbor pakketti li jaslu Malta minn barra ghal klijenti tieghu, u qal inoltre li meta Ruben Scicluna cempillu sabiex jghidlu li l-pakkett kien gabru u kien ghandu u  dan qallu li kien sejjer bih lejn Hal-Luqa u talbu sabiex imur jigbor il-pakkett minn hemm, huwa cempel lit-tifel Mark li kien akkompanjat minn ibnu l-iehor Jonathan u talabhom sabiex jiltaqghu ma’ Ruben Scicluna sabiex jingabar il-pakkett u qalilhom sabiex ihallsuh l-ispejjez involuti li kienu jammontaw ghal Lm18 u jaghtuh Lm2 bhal tips sabiex jixtri drink.  Carmel Cassar spjega wkoll li huwa kien cempel lil Antonio Gatt u qallu sabiex imur jiltaqa’ ma ibnu Mark u jirtira l-pakkett. Huwa qal ukoll li aktar tard mar ghand klijenti tal-kumpanija tieghu f’Hal-Balzan fejn xi xoghol u fejn uliedu kellhom jigu jghinuh u meta ra li dawn baqghu ma gewx beda jinkwieta li seta’ gralhom xi haga u kien ghalhekk li cempel l-Isptar sabiex jivverifika. Huwa qal ukoll li cempel ukoll il-Freeport fejn kellem lis-superjuri ta’ Antonio Gatt, Noel Cassar u Ernest Tonna, u dawn qalulu li Antonio Gatt kien hareg ghal qadja aktar kmieni filghodu u ma kienx irritorna lura.

L-imputat Mark Cassar ukoll irrilaxxja stqarrija fejn wara li spjega lli huwa kien jahdem ma missieru qal li dan tal-ahhar kien tah struzzjonijiet sabiex jigbor avviz minghand Antonio Gatt u li ftit tal-jiem wara missieru kien cempillu

sabiex imur l-airport l-antik jiltaqa’ ma Ruben Scicluna sabiex dan tal-ahhar jghaddilu l-pakkett u imbaghad kellu jiltaqa’ ma Antonio Gatt, li kien qieghed fl-istess parkegg sabiex jaghtih il-pakkett, u fil-fatt huwa hekk ghamel. Huwa qal ukoll li meta missieru kien ghadda lil Ruben l-avviz sabiex jingabar il-pakkett semghu jghidlu li kien ikun ahjar jekk il-pakkett ma jinfetahx u jekk ikun il-kaz jaghti Lm50 lil min ikun ser jirrilaxxjah, dan l-attegjament gieghlu jissuspetta li seta’ kien hemm xi haga suspettuza rigwardanti l-pakkett. Mark Cassar xehed f’dawn il-proceduri fis-seduta tal-10 ta’ Novembu 2004 (a fol. 1305 sa 1317 tal-process) fejn huwa spjega kif missieru l-ewwel kien talbu jigbor l-avviz minghand Antonio Gatt u mbaghad fit-23 ta Aprl 2001 kien cempillu sabiex jiltaqa’ ma Ruben Scicluna fil-parkegg tal-ajruport l-antik sabiex jigbor il-pakkett minghandu u mbaghad jghaddi l-istess pakkett lil Antonio Gatt li kien qed jistenna fl-istess parkegg. Huwa cahad kategorikament li kien jaf li fil-pakkett kien hemm jew seta’ kien hemm id-droga. Mark Cassar in oltre spjega li meta irrilaxxa l-istqarrija lill-Ispettur Norbert Ciappara dan kien qallu li Ruben Scicluna kien ghadu kemm qallu li missieru (Carmel Cassar) kien offrielu Lm50 sabiex huwa jirtira x-xoghol mill-Maltapost. Huwa qal li ezattament x’kien intqal minn missieru lil Ruben ma kienx jaf ghaliex dak il-hin huwa kien qed ikellem lil huh Jonathan li wkoll kien fil-vann. Spjega in oltre li ta’ spiss kien jigri li huwa jkun ma missieru meta dan ikun qed ikellem lil terzi persuni fuq xoghol u mhux dejjem jaghti kaz xi jkun qed jinghad. Huwa izda qal li waqt li kienu fil-vann u ghadhom ma kellmux lil Ruben Scicluna missieru kien semmielu li Antonio Gatt kien haseb li ma kienux ser jaqduh u offrielu li jhallas Lm50 lil min jirtira l-pakkett.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati gew akkuzati bi tlett reati taht il-Kap. 101 tal-Ligjiet ta’ Malta u cioe’ assocjazzjoni, importazzjoni u pussess aggravat ta droga. In kwantu jirrigwarda l-ewwel akkuza, u cioe’ dik ta’ assocjazzjoni l-Artikolu 22 (1A) tal-Kap. 101 jipprovdi s-segwenti:-

*"L-assocjazzjoni ta' persuni msemmija fil-paragrafu (d) u (f) tas-subartikolu precedenti tezisti malli jigu kkumbinati jew miftehma l-mezzi, jkunu xi jkunu, li bihom dawk il-persuni ghandhom jimxu."*

Skond gurisprudenza kostanti l-elementi kostituttivi tar-reat ta' assocjazzjoni kontemplat fil-Kap. 101 huma (1) iz-zmien li fih ikun sar ir-reat, (2) li jkun hemm mill-anqas persuna ohra , kienet min kienet f'Malta jew barra minn Malta , li tkun involuta, (3) li l-iskop ikun sabiex tigi traffikata d-droga u (4) li jkun hemm il-ftehim dwar il-mod kif din id-droga ser tigi traffikata, liema ftehim irid ikun wiehed car u determinat u minn fejn jirrizulta kif id-droga ser tigi traffikata.

L-Artikolu 26(2) tal-Kap. 101 jghid hekk:

*"Meta r-reat li bih persuna tkun akkuzata jkun dak ta' pussess jew ta' bejgh jew traffikar ta' medicina kontra d-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza l-akkuzat ma jkunx jista' jiddefendi ruhu kontra dik l-akkuza billi jipprova li huwa haseb li kellu fil-pussess tieghu , jew li kien qed ibiegh jew jitraffika xi haga li ma kienitx il-medicina msemmija fl-akkuza jekk il-pusses ta', jew il-bejgh jew itraffikar ta' dik il-haga ohra kien ikun, fic-cirkostanzi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' din l-Oridnanza jew ta' xi ligi ohra."*

L-Artikolu 26(2) tal-Kap. 101 appena citat gie mibdul fit-tifsira tieghu in forza ta' sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali tal-1 ta' April 2005, u cioe' wara li l-imputati gew imressqa bl-akkuzi odjerni, fil-kawza fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta' Malta vs Gregory Robert Eyre and Susan Jayne Molyneaux'**. Qabel ma inghatat din is-sentenza u in forza tal-Artikolu 26(2) persuna li jimporta oggett allavolja ma jkunx jaf li dak l-oggett jikkontjeni droga , jekk permezz tal-importazzjoni ta' tali oggett kien ikun hemm ksur ta' xi ligi ohra, huwa xorta wahda kien jigi kkunsidrat li qisu kien jaf li l-oggett kien droga u jrid iwiegeb ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu taht il-Kap. 101. F'din l-imsemmija sentenza in kwantu

jirrigwarda l-kliem *'bi ksur ta' xi ligi ohra'* kontenuti fl-Artikolu 26(2) il-Qorti Kostituzzjonali qalet is-segwenti:

***"…the fundamental right to a fair hearing as guarnteed by Section 39 (1) of the Constitution and by article 6(1) of the European Convention is likely to be contravened in relation to appellant Susan Jayne Molyneaux by the application of subsection 2 of Section 26 of The Dangerous Drugs Ordinance (Chap. 101) as at present in force. Consequently sends back the record of the proceedings to the Criminal Court with a direction that that court, and any other court of criminal justice which may subsequently deal with the case, is to ignore the words 'or of any other law' in subsection 2 of the said Section 26 if called upon to apply or interpret that subsection…."***

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi mressqa kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza fil-kaz odjern u jidrilha li l-Prosekuzzjoni fil-konfronti tat-tlett imputati ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju detta mir-raguni l-element intenzjonali fir-reati ta' assocjazzjoni, traffikar jew pussess aggravat ta' droga li bihom huma qed jigu akkuzati permezz tal-proceduri odjerni. Mill-provi minnha mressqa rrizulta biss li huma t-tlieta ssuspettaw li seta' kien hemm involuta xi evazjoni ta' dazju in kwantu jirrigwarda l-pakkett li gew mitluba jirtiraw mill-fergha tal-Masltapost tal-Hamrun izda bl-ebda mod ma rrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li huma kienu nvoluti f'xi ftehim ma terzi persuni sabiex jitraffikaw u jimportaw id-droga.

Il-Qorti inoltre jidrilha li t-tlett imputati rnexxilhom jippruvaw sal-grad tal-probabbli, li huma ma kienux jafu li l-pakkett postali li ntalbu jirtiraw mill-Posta, kien fih id-droga.

Fil-kaz ta-zewg imputati Cassar il-Qorti qieset is-segwenti fatti u cirkostanzi sabiex waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet:-

1. Illi Carmel u Mark Cassar kienu jahdmu bhala burdnara u xogholhom kien jinvolvi *customs clearance* u trasport ta' merkanzija ricevuta jew esportata minn Malta

u ghalhekk huma kienu jikklerjaw dokumenti mad-Dwana u awtoritajiet ohra sabiex tigi rilaxxata merkanzija li tasal Malta jew permezz ta’ container, jew b’air freight posta jew *courier* u huma jiehdu hsieb li jwasslu l-mekanzija lid-destinatarju ta’ tali merkanzija li jkun qabbadhom jaghmlu tali xoghol. Dak li Carmel Cassar intalab jaghmel minn Antonio Gatt kien ghalhekk xi haga lli huwa kien jaghmel b’mod regolari fil-kors ta’ xoghlu ghall-klijenti tieghu.

2. Antonio Gatt, u cioe’ l-persuna li talab lil Carmel Cassar sabiex jiritiralu l-pakkett mill-fergha tal-Maltapost tal-Hamrun, kien impjegat bhal *security driver* il-Freeport fejn l-istess Cassar kien jigi mqabbad jaghmel hafna xoghol u ghalhekk ma kien hemm xejn barra minn loku li Carmel Cassar jaccetta li jaghmel pjacir konness ma xoghlu lil xi hadd li kien jahdem mieghu fuq bazi regolari u ma kumpanija li kienet tghaddilu hafna xoghol.

3. Carmel Cassar wara li baghat lil ibnu Mark jigbor l-avviz minghand Antonio Gatt dam madwar tlett ijiem minghajr ma ghamel xi haga fir-rigward. Huwa spjega li dan kien dovut ghal fatt li dak iz-zmien kienet waslitlu bicca makkinarju minn barra (New Zealand) li kienet innovattiva ghas-suq Malti u li kien nefaq hafna flus ghaliha u ghalhekk kien imhabbat hafna f’dawk il-jiem peress li kien gie engineer minn barra sabiex jurih kif kellu jintrama dan il-makkinarju. Dan kollu gie konfermat permezz tax-xhieda ta’ Ray Muscat (deposizzjoni relattiva a fol. 1273 u 1274 tal-process) li kien ir-rapprezentant lokali tal-kumpanija minghand min Carmel Cassar xtara tali makkinarju. Li kieku l-imputat kien a konoxxenza tal-kontenut tal-pakkett li kien intalab jigbor huwa ma kienx ihalli tlett ijiem jghaddu qabel ma jigbor il-pakkett.

4. Carmel Cassar qabbad lil Ruben Scicluna jigborlu l-pakkett ghaliex Antonio Gatt kien qed icempillu il-hin kollu u jghidlu li ma riedx jaqdih. Carmel Cassar fi triqtu lejn id-dar inzerta kien ghaddej minn hdejn il-pompa tal-petrol fejn kien jahdem Ruben Scicluna fuq bazi *part-time*, huwa kien jaf li dan jahdem il-Posta u ghalhekk talbu jaghmillu pjacir u jigborlu l-pakkett.

5. Simon Xuereb xehed li huwa qatt ma kien iltaqa’ ma’ Carmel Cassar jew ma Mark Cassar.

6. Mark Cassar ghadda Lm20 lil Ruben Scicluna meta gabar il-pakkett, Lm18 minn dan l-ammont kien jirrigwarda l-ammont involut bhala dazju u Mark Cassar qal lil Ruben Scicluna sabiex izomm il-bqija ta’ Lm2 sabiex jixtri *drink*. Wiehed difficilment jifhem kif bniedem li jaf li l-pakkett li qed jigbor minghand xi hadd li wkoll suppost jaf x’fih il-pakkett jhallas biss Lm2 ghal dak is-servizz.

7. Carmel Cassar cempel l-Isptar ghaliex inkwieta meta uliedu ma marrux jghinuh f’bicca xoghol li kellhom Hal-Balzan. Dan il-fatt gie korroborat minn John Copperstone (deposizzjoni relattiva a fol. 1276 et seq. tal-process) li huwa manager mal-Office Technology Limited (il-kumpanija li ghandha Carmel Cassar kien qed jaghmel ix-xoghol u fejn kien qed jistenna lil uliedu jigi jghinuh wara li jigbru l-pakket minghand Ruben Scicluna u wara li jkunu ghaddewh lil Antonio Gatt). Dan ix-xhud ikkonferma li Carmel Cassar cempel l-Isptar sabiex jara garax xi haga lil uliedu. Bniedem li jaf li baghat lil uliedu jigbru u sussegwentement jghaddu lil xi haddiehor pakkett kontenenti d-droga certament li ma jcempilx l-Isptar meta uliedu ma jigux lura izda jissuspetta li jista’ jkun li gara xi haga in konnessjoni mal-operazzjoni illegali li huma jkunu qed jesegwixxu.

In kwantu jirrigwarda l-imputat l-iehor Ruben Scicluna l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatti u cirkostanzi sabiex waslet ghall-hawn fuq imsemmija konkluzjonijiet:-

1. Huwa inghata l-avviz minn Carmel Cassar il-Hamis u kien biss it-Tnejn ta’ wara li mar jigbor il-pakkett. Li kieku huwa kien a konoxxenza tal-kontenut tal-pakkett huwa certament li ma kienx ihalli daqshekk zmien jghaddi izda kien jigbru mal-ewwel u mhux joqghod jistenna sakemm jidhol lura mill-leave.

2. L-ammont li huwa inghata minn Mark Cassar meta ghaddielu l-pakkett. Bniedem involut f’assocjazzjoni ta’

traffikar ta’ droga certament li jithallas ferm aktar minn Lm2 ghal sehmu fl-operazzjoni.

3. Simon Xuereb iddikjara li ma kienx jaf li Ruben Scicluna u mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni irrizulta wkoll li dan tal-ahhar l-anqas kien jaf lil Antonio Gatt, Lawrence Gatt u Norman Bezzina. Huwa kien jaf biss lill-ko-akkuzati Cassar u dan ghaliex kellu lil xi hadd jahdem maghhom fil-passat.

4. Meta huwa gabar il-pakkett hallih fil-vann miftuh u rega’ dahal il-Posta jigbor il-pouch li kien nesa warajh. Li kieku huwa kien jaf x’kien fih il-pakkett certament ma kienx ihallih wahdu fil-vann miftuh u bit-tieqa mnizzla.

5. Il-fatt li haddiema ohra tal-Maltapost ikkonfermaw illi dak iz-zmien kienet tigri ta’ sikwit li impjegat tal-Posta jaghmel pjacir lil xi hadd jafu u jigborlu pakkett mill-Posta.

6. Huwa kkolabora immedjatament mal-Pulizjia u mal-ewwel ghaddilhom il-*business card* ta’ Carmel Cassar u nfurmahom li kien dan il-persuna li talbu jigbor il-pakkett.

Dawn il-fatti u cirkostanzi appena indikati jimmilitaw kontra t-tezi tal-Prosekuzzjoni li l-imputati Carmel Cassar, Mark Cassar u Ruben Scicluna kienu jafu li l-pakkett kien fih id-droga u li huma kienu nvoluti f’assocjazzjoni ma terzi intiza ghall-importazzjoni u traffikar tal-istess droga. Il-Qorti jidrilha li dawn il-fatti u cirkostanzi jindikaw li t-tlett imputati gew involuti ad insaputa taghhom minn terzi persuni proprju minhabba x-xoghol li kienu jaghmlu li ovvjament kien jiffacilita l-irtirar tal-pakkett. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni li kien hemm ftehim car u determinat bejn Carmel Cassar, Mark Cassar, Ruben Scicluna u Antonio Gatt sabiex tigi mportata u traffikata d-droga u l-anqas irnexxielha tipprova minghajr dubju dettat mir-raguni li Mark Cassar, Carmel Cassar u Ruben Scicluna kienu jafu li l-pakkett kien fih id-droga.

Il-Qorti jidrilha li bl-ebda mod ma jista’ jinghad li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi

fil-kamp kriminali l-akkuzi migjuba fil-konfronti tat-tlett imputati odjerni.

Fil-fehma tal-Qorti kull ma rrizulta mill-provi mressqa mill-Prosekuzjoni kien li t-tlett imputati ssuspettaw lli seta' kien hemm xi evazjoni ta' dazju involuta fl-importazzjoni tal-pakkett anki ghaliex saret insistenza minn Antonio Gatt lil Carmel Cassar li mbaghad ghadda l-messagg lil Ruben Scicluna li l-pakkett ma kellux jinfetah. Kif diga' ntqal aktar il-fuq izda dan il-fattur ma jistax jittiehed in konsiderazzjoni sabiex tinstab xi htija ghal reat kontemplat taht il-Kap. 101.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati Carmel Cassar, Mark Cassar u Ruben Scicluna bhala mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------